# Id-Dsatax-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Oqgħod fuq il-muntanja quddiem il-Mulej.*

1 Slat 19, 9a.11-13a

**Qari mill-Ewwel Ktieb tas-Slaten**

F'dak iż-żmien: Elija wasal fil-Ħoreb, il-muntanja tal-Mulej.
9 Hemmhekk daħal fl-għar u għadda l-lejl ġo fih. 11 U Alla qallu:
«Oħroġ, u oqgħod fuq il-muntanja quddiem il-Mulej.»

U ara, il-Mulej għadda. Riħ qawwi, b'saħħa li jofroq il-muntanji u
jfarrak il-blat, għadda quddiem il-Mulej; imma l-Mulej ma kienx
f'dan ir-riħ. U wara dan ir-riħ theżheżet l-art imma l-Mulej ma kienx
f'din it-theżhiża. 12 U wara t-theżhiża kien hemm in-nar, imma
l-Mulej ma kienx fin-nar. Wara n-nar inħasset żiffa ħelwa. 13 Elija, kif
ħassha, għatta wiċċu bil-mantell, ħareġ barra, u waqaf f'bieb l-għar.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 84 (85), 9ab-10.11-12.13-14

R/. (8): Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek

9 Ħa nisma' xi jgħid Alla;
il-Mulej is-sliem ixandar,
għall-poplu u l-ħbieb tiegħu.
10 Qrib hi tassew is-salvazzjoni tiegħu
għal dawk li jibżgħu minnu,
biex jgħammar is-sebħ f'artna. R/.

11 It-tjieba u l-fedeltà jiltaqgħu,
il-ġustizzja u s-sliem jitbewsu.
12 Il-fedeltà mill-art tinbet,
u l-ġustizzja mis-sema tixref. R/.

13 Il-Mulej ukoll jagħti l-ġid tiegħu,
u artna tagħti l-frott tagħha.
14 Il-ġustizzja quddiemu timxi,
u s-sliem fuq il-passi tiegħu. R/.

# Qari II

*Nixtieq li jiena nnifsi kont maqtugħ minn Kristu minħabba f'ħuti.*

Rum 9, 1-5

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [1]ngħidilkom is-sewwa fi Kristu, m'iniex nigdeb, tixhidli l-istess
kuxjenza tiegħi fl-Ispirtu s-Santu, [2]li jiena mnikket għall-aħħar, u
dejjem qalbi maqsuma; [3]nixtieq li kont jiena stess maqtugħ minn
Kristu minħabba f'ħuti, nies ġensi skond il-ġisem: [4]l-Iżraelin.

Tagħhom hija l-adozzjoni ta' wlied Alla u l-glorja, il-pattijiet u l-Liġi,
il-liturġija u l-wegħdiet, [5]tagħhom huma l-patrijarki; u kien minnhom
li, skond il-ġisem, ħareġ Kristu, li hu fuq kollox, Alla mbierek għal
dejjem ta' dejjem. Amen!

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Salm 129 (130), 5

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jien lill-Mulej nistenna,
ruħi f'kelmtu tittama.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ordnali niġi ħdejk fuq l-ilma.*

Mt 14, 22-33

**✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew**

Wara lin-nies kielu u xebgħu, [22]Ġesù minnufih ġiegħel lid-dixxipli
jitilgħu fuq id-dgħajsa u jmorru qablu x-xatt l-ieħor, sakemm jibgħat
lin-nies. [23]Wara li bagħat lin-nies, tela' waħdu fuq l-għoljiet biex
jitlob. Xħin sar filgħaxija kien għadu hemm fuq, waħdu.

[24]Id-dgħajsa kienet diġa' f'nofs il-baħar titħabat mal-mewġ, għax
kellhom ir-riħ kontra tagħhom. [25]Fir-raba' sahra tal-lejl mar lejn
in-naħa tagħhom miexi fuq il-baħar. [26]Huma rawh miexi fuq il-baħar
u twerwru. «Dan xi fantażma!» qalu; u qabdu jgħajtu bil-biża'. [27]Iżda
hu minnufih kellimhom u qalilhom: «Agħmlu l-qalb, jien hu, tibżgħu
xejn!» [28]Wieġeb Pietru u qallu: «Mulej, jekk huwa int, ordnali niġi
ħdejk fuq l-ilma.» [29]«Ejja,» qallu Ġesù. Pietru niżel mid-dgħajsa, u
qabad jimxi fuq l-ilma u jersaq lejn Ġesù. [30]Iżda meta ra li r-riħ kien
qawwi, beża', ħabat jegħreq, u beda jgħajjat u jgħid: «Salvani, Mulej!»
[31]Malajr Ġesù medd idu u qabdu: «Bniedem ta' fidi żgħira,» qallu,
«għaliex iddubitajt?»

[32]Meta mbagħad it-tnejn telgħu fid-dgħajsa, ir-riħ waqaf. [33]Dawk li
kienu fid-dgħajsa nxteħtu jqimuh u qalulu: «Tassew, int Bin Alla!»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu